Il-Kummissjoni Ewropea

# IN-NETWERKS TA' REFERENZA EWROPEJ

## GĦAJNUNA LILL-PAZJENTI B'MARD RARI JEW KUMPLESS






European Reference Networks

**Share. Care. Cure.**

https://ec.europa.eu/health/ern_mt

### X'INHUMA N-NETWERKS EWROPEJ TA' REFERENZA?

In-Netwerks Ewropej ta' Referenza (ERNs) jiġbru t-tobba u r-riċerkaturi li għandhom livell għoli ta' għarfien fil-qasam tal-mard rari jew bi prevalenza baxxa, u fil-qasam tal-mard kumpless. Dawn huma "networks virtwali" fejn jiġu diskussi d-dijanjożi u l-aħjar trattament possibbli għal pazjenti mill-Ewropa kollha. Fl-2017 tnedew 24 ERN li involvew aktar minn 900 tim tal-kura tas-saħħa speċjalizzati ħafna u li jinsabu f'aktar minn 300 sptar.

L-ERNs jistgħu jipprovdu l-għarfien li spiss ikun nieqes fir-reġjun jew fil-pajjiż tiegħek.

### KIF TAĊĊESSA N-NETWERKS EWROPEJ TA' REFERENZA?

It-tabib tiegħek jiggwidak dwar il-livell ta' kura li jkun hemm bżonn għall-marda tiegħek. Wara li jkun esplora l-possibbiltajiet fir-reġjun jew fil-pajjiż tiegħek u wara li jkun wettaq analiżi personalizzata tas-sitwazzjoni speċifika tiegħek, it-tabib tiegħek jista' jissuġġerixxi li ssir kooperazzjoni mal-ERN relevanti. It-tabib tiegħek jibqa' l-punt uniku ta' kuntatt tiegħek jekk inti tiġi riferit(a) għal ERN.

### IN-NETWERK EWROPEW TA' REFERENZA KIF JISTA' JGĦIN FIT-TRATTAMENT TIEGĦEK?

Meta l-każ tiegħek jitressaq għand ERN, it-tabib tiegħek isejjaħ bord "virtwali" ta' esperti mediċi f'dixxiplini differenti u minn pajjiżi differenti. Dawn jaqsmu l-informazzjoni medika tiegħek, pereżempju s-CT scans, it-testijiet tal-laboratorju, l-X-rays, u janalizzawhom u jiddiskutuhom flimkien. Għalhekk, it-tabib tiegħek ikun jista' jieħu input mingħand kollegi oħrajn u jużaha biex itejjeb id-dijanjożi tiegħek jew biex isib l-aħjar trattament possibbli għalik.